MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF -- AGENT PRESIDENT**
**DAVID SCICLUNA**

**ONOR. IMHALLEF**
**ABIGAIL LOFARO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MC KEON**

Seduta ta' l-14 ta' Frar, 2013

Numru 49/2010

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**v.**

**Francis Grech**

**Il-Qorti:**

**1.** Dan hu appell minn sentenza tal-Qorti Kriminali mogħtija minn dik il-Qorti fid-19 ta' Settembru 2011 dwar eccezzjoni preliminari ta' l-akkużat. L-akkużat appella minn dik is-sentenza b'rikors intavolat fit-28 ta' Settembru 2011.

**2.** Francis Grech kien akkużat, permezz ta’ Att ta’ Akkuża ppreżentat mill-Avukat Ġenerali fit-8 ta’ Ottubru 2010 (nru 49/2010) li: (1) reċidiv f’delitt, waqt li kien qiegħed fil-perijodu operattiv ta’ sentenza sospiża, b’diversi atti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li kienu magħmulin b’risoluzzjoni waħda, importa, ġiegħel li tiġi importata jew għamel xi ħaġa sabiex tista’ tiġi importata mediċina perikoluża (eroina) f’Malta bi ksur tad-disposizzjonijiet ta’ l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikoluzi; (2) reċidiv f’delitt, waqt li kien qiegħed fil-perijodu operattiv ta’ sentenza sospiża, b’diversi atti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li kienu magħmulin b’risoluzzjoni waħda, forna jew ipprokura, jew offra li jforni jew jipprokura d-droga eroina lil xi persuna jew għal xi persuna, f’dawn il-Gżejjer jew x’imkien ieħor, jew avża l-imsemmija droga għall-bejgħ, kontra l-liġi; (3) reċidiv f’delitt, waqt li kien qiegħed fil-perijodu operattiv ta’ sentenza sospiża, b’diversi atti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li kienu magħmulin b’risoluzzjoni waħda, kellu fil-pussess tieghu d-droga eroina kontra l-liġi u b’dan li r-reat sar taħt tali ċirkostanzi li juru li dak il-pussess ma kienx għall-użu esklussiv tiegħu.

**3.** Fir-rikors ta’ appell tiegħu l-appellant indika li kien qiegħed jappella mid-deċiżjoni ta’ l-ewwel Qorti dwar l-unika eċċezzjoni tiegħu.

**4.** Permezz ta’ din l-eċċezzjoni fin-nota ta’ eċċezzjonijiet ippreżentata fid-29 ta’ Ottubru 2010 l-akkużat appellant eċċepixxa:

“Illi għandha tiġi sfilzata mill-atti d-depożizzjoni mogħtija mill-Ispiżjar Mario Mifsud u r-relazzjoni peritali ta’ l-istess stante li dawn huma inammissibbli u dan peress li:

1. il-Magistrat Inkwirenti ma tah l-ebda inkarigu speċifiku;
2. inoltre, ma ġiex ikkonfermat bħala espert mill-Qorti Istruttorja.”

**5.** Fil-partijiet rilevanti tas-sentenza taghha dwar din l-eċċezzjoni, l-ewwel Qorti qalet hekk:

**“Li skont l-artikolu 650 tal-Kap 9, għandhom jinħatru esperti f’dawk il-każijiet kollha, fejn ikun meħtieġ tagħrif jew ħila speċjali għall-eżami ta’ persuna jew xi oġġett.**

**“Skont is-subinċiż (5) tal-istess artikolu, il-Qorti għandha, meta jkun hemm bżonn, tagħti direzzjonijiet lill-esperti.**

**“Mid-diċitura tas-subinċiż (5) tal-artikolu 650 tal-Kap9 jirriżulta li l-Qorti għandha tagħti direzzjonijiet lill-esperti meta jkun hemm bżonn.**

**“Fil-każ tal-espert l-Ispiżjar Mario Mifsud, malli l-Maġistrat Inkwirenti jaħtru bħala espert, ix-xogħol li għandu jwettaq bħala espert huwa wieħed awtomatiku. Is-sur Mario Mifsud normalment jinħatar espert (jew hu jew l-analista Godwin Sammut, skont min ikun tal-għassa) kull meta jkun hemm każ tad-droga u kull wieħed minn dawn l-esperti jaf li d-dmir tiegħu huwa wieħed – li janalizza u jiżen d-droga misjuba – sakemm ma jkunx hemm ħtieġa ta’ xi analiżi oħra, bħalma jista’ jiġri matul il-proċeduri quddiem il-Qorti Istruttorja. Ma jidhirx li dan l-espert qatt tqabbad għal xi analiżi tad-demm jew biex jagħmilha ta’ espert ballistiku jew tal-elettriku.**

**“Għalhekk kemm l-Ispiżjar Mario Mifsud kif ukoll l-analista s-sur Godwin Sammut meta jinħatru mill-Maġistrat Inkwirenti jafu sew x’inhu l-inkarigu primarju tagħhom u m’għandhom għalfejn jippreżumu xejn għax huma esperti f’qasam speċjalizzat ħafna u li sa minn żmien sew ilu – u għadu hekk s’issa – huma dawn l-uniċi żewġ esperti li jinħatru għal dan il-għan jiġifieri għall-analiżi u l-użin tas-sustanza.**

**“Għalhekk, fi kliem l-istess subinċiż (5) tal-artikolu 650 ma kien hemm ebda bżonn li l-Maġistrat Inkwirenti jispeċifika l-inkarigu tal-espert l-Ispiżjar Mario Mifsud li jidher mal-lista ta’ esperti li għażel il-Maġistrat Inkwirenti.**

**“Il-Konferma ta’ dan l-espert jew ta’ esperti oħra matul l-istruttorja mhix meħtieġa mil-liġi. Il-fatt li daħlet din il-prattika ma jfissirx li hemm obbligu li l-Maġistrat fl-Istruttorja jew bħala Maġistrat tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta’ Ġudikatura Kriminali jagħmel tali konferma. Ukoll jekk huwa qed jippresjedi Qorti ‘differenti’, ma jidhirx li qatt kien hemm xi prattika li jinbidlu esperti maħturin fl-inkjesta għaliex dawn ikunu laħqu l-provi *a tempo vergine*. Għalhekk ma jgħinx il-ġustizzja li dawn jinbidlu għal xejn b’xejn. L-aktar li jista’ jsir huwa li jkun estiż l-inkarigu iżda mill-bqija Qorti Istruttorja jew li qed tiddeċiedi l-każ tistrieħ awtomatikament fuq dawn l-esperti. Għalhekk, sakemm ma jkunx hemm xi indikazzjoni mod ieħor, għandu jkun preżunt li l-Qorti Istruttorja jew li qed tiddeċiedi hija sodisfatta bil-ħatriet u m’hemmx għalfejn li dawn l-esperti jkunu kkonfermati jew, jekk ma jkunux ikkonfermati, xorta l-proċeduri huma integri.**

**“Għalhekk il-Qorti qed tikkonkludi li l-ħatra tal-Ispiżjar Mario Mifsud kif ukoll ir-relazzjoni tiegħu huma t-tnejn ammissibbli u għalhekk qed tiċħad l-eċċezzjoni ta’ Francis Grech.”**

**6.** Minn din il-parti tas-sentenza tad-19 ta’ Settembru 2011 appella, kif ingħad, l-akkużat, li talab li din il-Qorti tħassar u tirrevoka u tikkanċella s-sentenza appellata u b’hekk takkolji l-eċċezzjoni preliminari tiegħu.

**7.** L-aggravju ta’ l-appellant huwa fis-sens illi l-ewwel Qorti għamlet apprezzament ħażin tal-liġi, senjatament il-predipost tas-subartikolu (5) ta’ l-artikolu 650 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta’ Malta. Huwa jagħmel dawn is-sottomissjonijiet :

“Il-Qorti Kriminali bażikament ittenni li l-Qorti tal-Maġistrati ma kellhiex bżonn tagħti inkarigu speċifiku lill-perit nominat minħabba li Mario Mifsud huwa spiżjar u allura l-intenzjoni tal-Qorti kellha tkun inferita.

“Illi inoltre l-Qorti tiġġustifika din l-osservazzjoni għax tgħid li l-Qorti għandha tagħti direzzjoni lill-espert meta jkun hemm bżonn.

“Illi bid-dovut rispett dan ma jfissirx li l-Qorti fin-nomina tagħha m’għandhiex għalfejn tiddefinixxi l-inkarigu. Anzi tant hu importanti dan li a skans ta’ ekwivoċi l-liġi tiddetta li n-nomina trid tkun bil-miktub.

“Illi jekk imbagħad timmanifesta ruħha xi kwistjoni dwar x’inhu l-inkarigu ben preċiż, allura l-Qorti għandha l-poter tagħti d-direzzjoni.

“Illi f’dan il-każ jirriżultaw żewġ elementi:
1. Ħaġa inkontestata hi l-fatt li fin-nomina tiegħu l-espert tal-Qorti Mario Mifsud ma kellux l-inkarigu tiegħu definit;

2. Illi l-Qorti lanqas fi stadju tal-kumpilazzjoni ma dehrilha opportun li tidderigi lill-espert fl-inkarigu tiegħu tant li lanqas ma dehrilha li kellha tikkonferma l-ħatra tiegħu.

“Illi minn hawn jemerġi t-tieni aspett ta’ l-eċċezzjoni ta’ l-appellant u ċioe` li l-istess Mario Mifsud ma jistax jitqies bħala espert ta’ din il-Qorti għaliex qatt ma ġie nnominat bħala tali jew ikkonfermat bħala espert mill-Qorti kumpilatorja.

“Illi minħabba f’dan għalhekk jirriżulta li Mario Mifsud *in pessima ipotesi* kien espert fl-inkjesta u l-perijzja tiegħu se mai assistiet lill-Inkwirenti fl-indaġini investigattivi tiegħu.

“Illi pero` dan ma jistax jitqies bħala espert fil-kumpilazzjoni għaliex il-Qorti Istruttorja qatt ma nnominatu bġala tali.

“Illi wieħed jista’ jġebbed l-argument u jgħid li stante li l-liġi tippredisponi li jekk l-*in genere* jsir skond il-liġi, allura dan jista’ jservi bħala prova.

“Illi l-esponent jissottometti li huwa ben konxju minn ċerta ġurisprudenza fuq il-materja li ma jaqblux mat-teżi ta’ l-esponent.

"Illi madankollu l-istanti jżomm ferm ma' l-eċċezzjoni tiegħu f'dan ir-rigward u jissottometti li din il-Qorti għandha tiddipartixxi minn din il-ġurisprudenza għaliex iħoss li hija erroneja.

"Illi jingħad li għad li l-*in genere* sservi bħala prova, l-effett probatorju ta' l-istess għandu jwassal biss sakemm tippermettilu l-liġi.

"Illi indubbjament f'dawn il-proċeduri l-Ispiżjar Mario Mifsud qatt ma ġie nnominat bħala espert u allura d-deposizzjoni tiegħu, se mai u fl-aħjar ipotesi, għandha tiġi interpretata bħala dik ta' xhud normali u mhux bħala espert."

**8.** Din il-Qorti sejra tirreferi mill-ewwel għal dak li qalet din il-Qorti diversament komposta fis-sentenza tagħha fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta v. Martin Dimech** mogħtija fit-28 ta' Frar 2012 fejn, fuq eċċezzjoni simili, qalet hekk:

**"8. Din il-Qorti żżid tgħid, pero`, li l-Qorti (jew il-maġistrat fil-kors ta' l-inkjesta dwar l-*in genere*) li tinnomina espert fi branka ta' ħila jew sengħa speċjali m'għandhiex għalfejn tispeċifika bid-dettalji kollha dak kollu li dak l-espert għandu jagħmel. Infatti l-Qorti tagħti d-direttivi meħtieġa lill-esperti <u>kull meta jkun hemm bżonn</u> (*"... whenever it is expedient ..."* fit-test Ingliż)(artikolu 650(5), Kap. 9). L-esperti hekk nominati, proprju minħabba l-*expertise* tagħhom, jibqagħlhom ukoll marġini ta' diskrezzjoni sabiex jagħmlu "ix-xogħol u l-esperimenti li titlob il-professjoni jew is-sengħa" tagħhom (artikolu 653(1), Kap. 9). L-Ispiżjar Godwin Sammut, bħalma osservat l-ewwel Qorti, jiġi regolarment maħtur proprju f'dan il-qasam speċjalizżat ta' analiżi ta' sustanzi suspettati droga, u għalhekk jista' jingħad ukoll li hemm ċerta "teknika" involuta. Din kienet inkjesta dwar is-sejba ta' sustanza suspettata eroina. Dik is-sustanza li ġiet mgħoddija lilu ċertament ma ġietx hekk mgħoddija biex joqgħod iħares lejha."**

**9.** Din il-Qorti kif issa komposta tikkondividi dan il-ħsieb kif espress fl-imsemmija sentenza.

**10.** Issa, fil-każ in eżami jirriżulta li fil-proċess verbal datat 18 ta' Ġunju 2009 (esebit permezz ta' nota ta' l-Avukat Ġenerali tas-17 ta' Settembru 2009 u li jinsab a fol 146 – 153), il-Maġistrat Inkwirenti ndika li, fost esperti oħra, kien innomina "Lill-Ispiżjar Mario Mifsud". Fid-digriet tan-nomina datat it-12 ta' Mejju 2009, il-Maġistrat Inkwirenti jelenka l-esperti (b'referenza għall-Ispiżjar Mario Mifsud bħala "Mario Mifsud") u jgħid illi "l-esperti kollha hawn fuq nominati għandhom jespletaw l-inkarigu lilhom mogħti skond il-każ". Fir-rapport tiegħu lill-Maġistrat Inkwirenti datat 12 ta' Mejju 2009 u ppreżentat fl-14 ta' Mejju 2009, l-Ispettur Pierre Grech indika l-esperti li ġew innominati mill-Maġistrat Inkwirenti u l-iskop li għalih ġew innominati. Mario Mifsud ġie ndikat bħala "analista". Mir-relazzjoni ta' l-Ispiżjar Mario Mifsud jirriżulta li huwa rċieva d-dokumenti li kellu jeżamina mingħand l-Ispettur Pierre Grech fit-18 ta' Mejju 2009. Fix-xiehda tiegħu l-Ispettur Pierre Grech (a fol. 25) jikkonferma illi l-Maġistrat ta' l-Ghassa Dr. Antonio Vella "ħatar lil Mario Mifsud bħala spiżjar analista".

**11.** Huwa utili illi hawn issir referenza wkoll għal dak li ġie deċiż fis-sentenza mogħtija minn din il-Qorti diversament komposta fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta v. Robert Cilia u Pauline Ruth Cilia** fis-16 ta' Jannar 2013 fejn ġiet deċiża eċċezzjoni li l-Ispiżjar Mario Mifsud kien mar oltre n-nomina moghtija lilu mill-Maġistrat Inkwirenti peress illi ġie nominat "bħala espert mediku biex jistabbilixxi l-fatti kollha rilevanti dwar il-każ". Fis-sentenza tagħha din il-Qorti qalet hekk:

**"10. L-appellanti jsostnu li, peress li l-iSpiżjar Mario Mifsud kien ġie nominat mill-Maġistrat Inkwirenti 'bħala espert mediku' u l-istess Spiżjar Mario Mifsud fir-relazzjoni tiegħu u fix-xhieda konsegwenzjali tiegħu kien mar oltre n-nomina mogħtija lilu, l-istess xhieda u relazzjoni kienu skont il-liġi inammissibbli. In sostenn tal-eċċezzjoni tagħhom l-akkużati appellanti jiċċitaw dak li qalet din il-Qorti komposta minn**

**Imħallef wieħed fis-sentenza tagħha tat-23 ta' Awwissu 2010 fl-ismijiet 'Il-Pulizija v John M. Magro' fejn ikkritikat l-inkarigu ferm imprecīż li ingħata lill-esperti nominati f'dik il-kawża li ġew nominati 'bis-soliti fakultajiet' li dik il-Qorti fissret li hi espressjoni li ma tfisser xejn. Din il-Qorti kif komposta wkoll tikkondividi il-fehma hemm espressa. B'danakollu, din il-Qorti eżaminat bir-reqqa is-sentenza ċitata u jirriżulta li, minkejja l-inkarigu nebuluż għall-aħħar li ngħata lill-esperti f'dik il-kawża din il-Qorti komposta minn Imħallef wieħed ma waslitx sabiex fis-sentenza ċitata tiddikjara inammissibbli la r-relazzjoni tal-esperti msemmija u anqas id-depożizzjoni tagħhom u di fatti ddeċidiet il-kawża fuq konsiderazzjonijiet diversi.**

**"11. L-eċċezzjoni ta' inammissibilita` tippresupponi xi disposizzjoni tal-liġi li teskludi dik il-prova milli tinġieb 'il quddiem fil-proċess. L-artikolu li jirregola l-ħatra ta' perit fil-proċeduri kriminali huwa l-artikolu 650. Dan l-artikolu fis-subartikolu (2) tiegħu jirrikjedi li l-perit għandu jiġi maħtur mill-Qorti. Fil-każ odjern hekk sar. Imbagħad is-subartikolu (5) tal-istess artikolu jipprovdi li: 'Il-qorti, kull meta jkun hemm bżonn, tagħti lill-periti d-direzzjonijiet meħtieġa'. Dan sar ukoll għaliex l-inkarigu tal-iSpiżjar Mario Mifsud ġie speċifikat mill-Maġistrat Inkwirenti bħala 'biex jistabbilixxi l-fatti kollha rilevanti dwar il-każ'. Din id-deskrizzjoni tal-inkarigu mogħti lill-espert tħalli ħafna x'jiġi desiderat iżda ma jistax jingħad li ma tissodisfax il-vot tal-liġi li fuq kollox ma tirrikjedix *sine qua non* li l-espert jingħata tali direzzjonijiet għaliex l-istess liġi, kif ingħad, tipprovdi li dawn id-direzzjonijiet jingħataw 'kull meta jkun hemm bżonn'.**

**"12. Fost il-fatti relevanti li kellhom jiġu stabbiliti kien hemm ċertament jekk kienx hemm sustanzi fost id-dokumenti elevati u esibiti, u jekk kien hemm, x'kienet in-natura ta'dawk is-sustanzi. Meta l-iSpiżjar Mario Mifsud għamel l-analiżi u l-identifikazzjoni tas-sustanzi misjuba l-operat tiegħu kien għalhekk konformi mal-inkarigu mogħti mill-Maġistrat**

**Inkwirenti 'biex jistabbilixxi l-fatti kollha rilevanti dwar il-każ'. Għal din ir-raġuni ma jistax jiġi ritenut, kif allegat fl-eċċezzjoni tal-akkużati appellanti, li l-operat tal-Ispiżjar Mario Mifsud 'mar oltre n-nomina lilu mogħti mill-Maġistrat Inkwirenti'. Il-Maġistrat Inkwirenti bla ebda dubbju kien ben konsapevoli min-natura tal-ispeċjalita' tal-espert Mario Mifsud tant li fid-digriet tiegħu l-istess Maġistrat indikah bħala 'Spiżjar Mario Mifsud' u għalhekk kien ben konxju li l-ħila partikolari tal-istess Mario Mifsud kienet dik ta' spiżjar. Il-fatt li l-istess Maġistrat issokta biex impreċiżament u b'mod superfluwu jżid 'bħala espert mediku' meta kjarament kien qiegħed jinnomina 'Spiżjar' ma tirrendix ir-relazzjoni tal-iSpiżjar Mario Mifsud u/jew id-depożizzjoni tiegħu inammissibbli għaliex dik in-nomina, l-inkarigu li ngħata, u l-operat in segwitu lkoll jikkonformaw ma' dak rikjest mill-liġi li għalhekk ma teskludix li ssir il-prova tagħhom. Dan l-aggravju qiegħed għalhekk jiġi respint u s-sentenza appellata dwar it-tielet eċċezzjoni ser konsegwentement tiġi konfermata."**

**12.** Anke fil-każ in eżami d-deskrizzjoni tal-inkarigu mogħti lill-esperti tħalli ħafna x'jiġi desiderat. Iżda hawn ukoll, bħal fil-każ appena ċitat, ma jistax jingħad li n-nomina ma tissodisfax il-vot tal-liġi ġaladarba l-proċess verbal ma jħalli l-ebda dubju illi l-persuna nominata kienet <u>l-Ispiżjar</u> Mario Mifsud, li dan (bħall-esperti l-oħra) ġie nominat biex jespleta l-inkarigu mogħti skond il-każ, u li fuq kollox il-liġi ma tirrikjedix *sine qua non* li l-espert jingħata direzzjonijiet għaliex l-istess liġi, kif ingħad, tipprovdi li dawn id-direzzjonijiet jingħataw "kull meta jkun hemm bżonn".

**13.** L-appellant lanqas m'għandu raġun jgħid illi l-Ispiżjar Mario Mifsud ma kellux in-nomina tiegħu mill-Maġistrat Inkwirenti kkonfermata mill-Qorti Istruttorja. Fis-seduta tat-28 ta' Ottubru 2009 quddiem il-Qorti Istruttorja hemm verbalizzat hekk (a fol. 145):

**"F'dan l-istadju qiegħed jiġi esebit proċess verbal redatt mill-Maġistrat Dr A Vella rigwardanti sejba ta' kapsoli fil-pussess ta' passiġġier Francis Grech**

**ġewwa l-Ajruport Internazzjonali ta' Malta nhar-it 12.05.2009 u l-konferma ta' l-esperti gia` hemm maħtura" (sottolinear ta' din il-Qorti).**

Jiġifieri hawn kienet qed issir il-konferma ta' l-esperti nominati waqt l-*in genere*. Difatti l-Ispiżjar Mario Mifsud anke ġie riprodott u kkonferma mill-ġdid ir-relazzjoni tiegħu li kien diga` ppreżenta fis-seduta tad-29 ta' Mejju 2009.

**14.** Fid-dawl ta' dan kollu l-aggravju ta' l-appellant ma jimmeritax akkoljiment.

**15.** Għal dawn il-motivi tiddeċiedi billi tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata. Tordna li l-atti jintbagħtu lura lill-Qorti Kriminali sabiex din tipproċedi ulterjorment fil-konfront ta' l-akkużat appellant Francis Grech.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------